

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1464

tat-2 ta' Ġunju 2017

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 fir-rigward tal-konċessjonijiet kummerċjali mogħtija lill-Kosovo \* wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali eċċezzjonali għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fil-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(a) u (b) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1215/2009 ipprova aċċess illimitat bla dazju għas-suq tal-Unjoni għal kważi l-prodotti kollha li joriġinaw mill-pajjiżi u t-territorji li jibbenefikaw mill-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni sa fejn u sakemm ftehimiet bilaterali ma' daww il-pajjiżi u t-territorji ġew konklużi.
- (2) L-aħħar ta' dawn il-ftehimiet bilaterali, il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat <sup>(2)</sup> u konkluż <sup>(3)</sup>. Dan daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2016.
- (3) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jstabilixxi reġim ta' kummerċ kuntrattwali bejn l-Unjoni u l-Kosovo. Il-konċessjonijiet kummerċjali bilaterali fuq in-naħa tal-Unjoni huma komparabbli mal-preferenzi unilaterali mogħtija mir-Regolament (KE) Nru 1215/2009.
- (4) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1215/2009 il-Kummissjoni hija responsabilizzata li tadotta atti delegati biex tintroduċi l-emendi u aġġustamenti tekniċi neċessarji għall-Annessi I u II tar-Regolament, wara li saru emendi għall-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda u s-suddiviżjonijiet tat-TARIC, kif ukoll l-aġġustamenti neċessarji wara l-għoti ta' preferenzi kummerċjali skont arranġamenti oħra bejn l-Unjoni u l-pajjiżi u t-territorji msemmija f'dan ir-Regolament.
- (5) Il-kontinwazzjoni tal-preferenzi unilaterali mogħtija lill-pajjiżi u t-territorji kollha tal-Balkani tal-Punent fil-forma tas-sospensjoni tad-dazji kollha għall-prodotti koperti mill-Kapitoli 7 u 8 tan-Nomenklatura Magħquda u l-aċċess tagħhom għal kwota ta' rata tariffarja globali għall-inbid ta' 30 000 hl għandha tiġi żgurata. Barra minn hekk, billi l-kwota tar-rata tariffarja għall-vitella mogħtija lil Kosovo hija inkluża fil-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-Kosovo, ir-Regolament (KE) Nru 1215/2009 għandu jiġi emendat skont dan.

\* Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

<sup>(1)</sup> ĠUL 328, 15.12.2009, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2015/2423 (ĠUL 341, 24.12.2015, p. 18).

<sup>(2)</sup> ĠUL 290, 6.11.2015, p. 4.

<sup>(3)</sup> ĠUL 71, 16.3.2016, p. 1.

- (6) B'żieda ma' dan, billi r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1821 <sup>(1)</sup> għamel tibdiliet fin-Nomenklatura Magħquda għal ċerti prodotti tas-sajd u tal-inbid koperti mir-Regolament (KE) Nru 1215/2009, l-Anness I ta' dak ir-Regolament għandu jiġi emendat u aġġustat kif xieraq, għal raġunijiet ta' ċarezza.
- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 1215/2009 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1215/2009 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 1*

#### **Arranġamenti preferenzjali**

1. Il-prodotti li joriġinaw fl-Albanija, fil-Bosnja u Herzegovina, fl-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fit-territorju doganali tal-Kosovo, fil-Montenegro, u fis-Serbja li huma koperti mill-Kapitoli 7 u 8 tan-Nomenklatura Magħquda jiġu ammessi għal importazzjoni fl-Unjoni mingħajr restrizzjonijiet jew miżuri kwantitattivi b'effett ekwivalenti u b'eżenzjoni mid-dazji doganali u tariffi b'effett ekwivalenti.

2. Il-prodotti li joriġinaw fl-Albanija, fil-Bożnija-Herzegovina, fl-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fit-territorju doganali tal-Kosovo, fil-Montenegro jew fis-Serbja għandhom ikomplu jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament meta indikat hekk. Tali prodotti għandhom ukoll jibbenefikaw minn kwalunkwe konċessjoni stipulata f'dan ir-Regolament li hija aktar favorevoli minn dik prevista taħt ftehimiet bilaterali bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi.”

- (2) Fl-Artikolu 3, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, “475 tonnelli” huwa sostitwit bil-kliem “0 tonnelli”.

- (3) L-Anness I qed jiġi sostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1821 tas-6 ta' Ottubru 2016 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 294, 28.10.2016, p. 1).

## ANNEX

## "ANNEX I

## LI JIKKONĊERNA L-KWOTI TARIFFARJI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3(1)

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem użati għad-deskrizzjoni tal-prodotti huma meqjusa indikattivi biss, u l-iskema preferenzjali tiġi stabbilita, fil-kuntest ta' dan l-Anness, bill-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM. Fejn ex kodiċijiet tan-NM huma indikati, l-iskema preferenzjali għandha tiġi ddeterminata bl-applikazzjoni magħquda tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni korrispondenti.

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota fis-sena <sup>(1)</sup>	Benefiċjarji	Rata ta' dazju
09.1571	0301 91 00 0302 11 00 0303 14 00 0304 42 00 ex 0304 52 00 0304 82 00 ex 0304 99 21 ex 0305 10 00 ex 0305 39 90 0305 43 00 ex 0305 59 85 ex 0305 69 80	Trota ( <i>Salmo trutta</i> , <i>Oncorhynchus mykiss</i> , <i>Oncorhynchus clarki</i> , <i>Oncorhynchus aguabonita</i> , <i>Oncorhynchus gilae</i> , <i>Oncorhynchus apache</i> and <i>Oncorhynchus chrysogaster</i> ): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumikat; fletti u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, tħin u gerbub, tajbin għall-konsum mill-bniedem	0 tunnellata	It-territorju doganali tal-Kosovo <sup>(2)</sup>	0 %
09.1573	0301 93 00 0302 73 00 0303 25 00 ex 0304 39 00 ex 0304 51 00 ex 0304 69 00 ex 0304 93 90 ex 0305 10 00 ex 0305 31 00 ex 0305 44 90 ex 0305 52 00 ex 0305 64 00	Karpjun komuni ( <i>Cyprinus spp.</i> , <i>Carassius spp.</i> , <i>Ctenopharyngodon idellus</i> , <i>Hypophthalmichthys spp.</i> , <i>Cirrhinus spp.</i> , <i>Mylopharyngodon piceus</i> , <i>Catla catla</i> , <i>Labeo spp.</i> , <i>Osteochilus hasselti</i> , <i>Leptobarbus hoeveni</i> , <i>Megalobrama spp.</i> ): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumikat; fletti u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, tħin u gerbub, tajbin għall-konsum mill-bniedem	0 tunnellata	It-territorju doganali tal-Kosovo <sup>(2)</sup>	0 %
09.1575	ex 0301 99 85 0302 85 10 0303 89 50 ex 0304 49 90 ex 0304 59 90 ex 0304 89 90 ex 0304 99 99 ex 0305 10 00 ex 0305 39 90 ex 0305 49 80 ex 0305 59 85 ex 0305 69 80	Pagru ( <i>Dentex dentex</i> u <i>Pagellus spp.</i> ): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, iffumikat; fletti u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, tħin u gerbub, tajbin għall-konsum mill-bniedem	0 tunnellata	It-territorju doganali tal-Kosovo <sup>(2)</sup>	0 %
09.1577	ex 0301 99 85 0302 84 10 0303 84 10 ex 0304 49 90 ex 0304 59 90 ex 0304 89 90 ex 0304 99 99 ex 0305 10 00 ex 0305 39 90 ex 0305 49 80 ex 0305 59 85 ex 0305 69 80	Spnott ( <i>Dicentrarchus labrax</i> ): ħaj; frisk jew imkessaħ; iffriżat; imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, affumikat; fletti u laħam ieħor tal-ħut; dqiq, tħin u gerbub, tajbin għall-konsum mill-bniedem	0 tunnellata	It-territorju doganali tal-Kosovo <sup>(2)</sup>	0 %

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Volum tal-kwota fis-sena <sup>(1)</sup>	Benefiċjarji	Rata ta' dazju
09.1530	ex 2204 21 93 ex 2204 21 94 ex 2204 21 95 ex 2204 21 96 ex 2204 21 97 ex 2204 21 98 ex 2204 22 93 ex 2204 22 94 ex 2204 22 95 ex 2204 22 96 ex 2204 22 97 ex 2204 22 98 ex 2204 29 93 ex 2204 29 94 ex 2204 29 95 ex 2204 29 96 ex 2204 29 97 ex 2204 29 98	Inbid ta' għeneb frisk, ta' saħħa alkoħolika reali bil-volum ta' mhux aktar minn 15 % vol, għajr inbid effervexenti	30 000 hl	L-Albanija <sup>(3)</sup> , il-Bożnija-Herzegovina <sup>(4)</sup> , it-Territorju doganali tal-Kosovo <sup>(5)</sup> , l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja <sup>(6)</sup> , il-Montenegro <sup>(7)</sup> , is-Serbia <sup>(8)</sup> .	Eżenzjoni
09.1560	ex 2204 21 93 ex 2204 21 94 ex 2204 21 95 ex 2204 21 96 ex 2204 21 97 ex 2204 21 98 ex 2204 22 93 ex 2204 22 94 ex 2204 22 95 ex 2204 22 96 ex 2204 22 97 ex 2204 22 98 ex 2204 29 93 ex 2204 29 94 ex 2204 29 95 ex 2204 29 96 ex 2204 29 97 ex 2204 29 98	Inbid ta' għeneb frisk, ta' saħħa alkoħolika reali bil-volum ta' mhux aktar minn 15 % vol, għajr inbid effervexenti	0 hl	It-territorju doganali tal-Kosovo <sup>(2)</sup>	0 %

<sup>(1)</sup> Volum globali wieħed għal kull kwota tariffarja aċċessibbli għall-importazzjonijiet li joriġinaw fil-pajjiżi benefiċjarji.

<sup>(2)</sup> Suġġett għal restrizzjonijiet importanti speċifikati skont l-Anness IV jew il-Protokoll II tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Kosovo (l-użu ta' dan l-isem hu mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QiG dwar id-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-Kosovo), min-naħa l-oħra.

<sup>(3)</sup> L-aċċess għall-inbid li joriġina mill-Albanija għal din il-kwota tariffarja globali, jingħata bil-kundizzjoni li l-ewwel tiġi eżawrita l-kwota tariffarja individwali stipulata fil-Protokoll Addizzjonali dwar l-inbid konkluż mal-Albanija. Dik il-kwota individwali hija miftuħa skont l-ordni Nru 09.1512 u Nru 09.1513.

<sup>(4)</sup> L-aċċess għal din il-kwota tariffarja globali, għall-inbid li joriġina mill-Bożnija-Herzegovina, jingħata bil-kundizzjoni li l-ewwel jiġu eżawriti ż-żewġ kwoti tariffarji individwali stipulati fil-Protokoll dwar l-inbid konkluż mal-Bożnija-Herzegovina. Dawk il-kwoti individwali huma miftuħa skont l-ordni Nru 09.1528 u Nru 09.1529.

<sup>(5)</sup> L-aċċess għal din il-kwota tariffarja globali, għall-inbid li joriġina mill-Kosovo, jingħata bil-kundizzjoni li l-ewwel jiġu eżawriti ż-żewġ kwoti tariffarji individwali stipulati fil-Protokoll dwar l-inbid konkluż mal-Kosovo. Dawk il-kwoti individwali huma miftuħa skont l-ordni Nru 09.1570 u Nru 09.1572.

<sup>(6)</sup> L-aċċess għal din il-kwota tariffarja globali, għall-inbid li joriġina mill-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, jingħata bil-kundizzjoni li l-ewwel jiskadu ż-żewġ kwoti tariffarji individwali stipulati fil-Protokoll Addizzjonali dwar l-inbid konkluż mal-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Dawk il-kwoti individwali huma miftuħa skont l-ordni Nru 09.1558 u Nru 09.1559.

<sup>(7)</sup> L-aċċess għall-inbid li joriġina mill-Montenegro għall-kwota tariffarja globali, sakemm jikkonċerna l-prodotti tal-kodiċi NM 2204 21, huwa soġġett għall-eżawriment preċedenti tal-kwota tariffarja individwali stipulata fil-Protokoll dwar l-inbid konkluż mal-Montenegro. Dik il-kwota tariffarja individwali tinfetaħ skont in-Nru tal-ordni 09.1514.

<sup>(8)</sup> L-aċċess għal din il-kwota tariffarja globali, għall-inbid li joriġina mis-Serbjja, jingħata bil-kundizzjoni li l-ewwel jiġu eżawriti ż-żewġ kwoti tariffarji individwali stipulati fil-Protokoll dwar l-inbid konkluż mas-Serbja. Dawk il-kwoti individwali huma miftuħa skont l-ordni Nru 09.1526 u Nru 09.1527."